**Kulleġġ Santa Margerita**
**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2013**

| **Il-Ħames Sena** | **Il-Malti (Il-Qari u l-Kitba)** | **Ħin: siegħa u kwart** |
|---|---|---|

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** __________

| | Il-Qari u l-Kitba |
|---|---|
| Il-marki ta' din it-Taqsima | 60 marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |

**Għall-istudent/a:**

*Aqra sew dan li ġej:*

- Ikteb ismek u kunjomok, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn.
- Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

| Taqsima A | Il-Qari | 30 marka |
|---|---|---|

**Aqra sew din l-istorja.**



**Il-Logħba tal-Futbol**

Il-futbol huwa l-aktar sport famuż u segwit fid-dinja. Il-logħba moderna tal-futbol bdiet ġewwa l-Ingilterra u wara ġiet iffurmata l-Assoċjazzjoni tal-Futbol li permezz tar-regoli li għamlet fl-1863 ħolqot il-fundazzjoni ta' kif tintlagħab il-logħba. Il-logħba tintlagħab bejn żewġ timijiet ta' ħdax-il plejer kull wieħed. Il-logħba tintlagħab fuq grawnd rettangolari, b'lasta fuq kull naħa. (*par. 1*)

L-**għan** tal-logħba hi li tiskorja gowls fil-lasta opposta. Il-gowler huwa l-uniku plejer li jista' jmiss il-ballun b'idu. Il-plejers l-oħra jistgħu jużaw sidirhom, **rashom** jew saqajhom. Min jiskorja l-aktar gowls jirbaħ il-logħba. Jekk tkun logħba kompetittiva u tispiċċa pari jista' jingħata l-ħin barrani u jekk il-logħba tibqa' pari jingħataw il-penaltis. (*par. 2*)

L-aktar kompetizzjoni **famuża** hija t-Tazza tad-Dinja li ssir kull erba' snin. L-aktar pajjiż li rebaħ it-Tazza tad-Dinja huwa l-Brażil. Il-logħba tal-futbol ukoll timxi fuq ċerti regoli. Ir-referi hu l-persuna li tikkontrolla l-logħba bl-użu tar-regoli u dan ikun megħjun minn żewġ assistenti. Il-ħin normali ta' logħba huwa dak ta' 90 minuta li huma maqsumin f'żewġ **partijiet** ta' 45 minuta l-waħda. B'kollox hemm sbatax-il regola fir-regoli uffiċjali tal-logħba. (*par. 3*)

Il-FIFA hija l-assoċjazzjoni li **tiggwida** l-logħob tal-futbol internazzjonali. Il-kwartieri ġenerali tal-FIFA jinsabu ġewwa Zurich fl-Iżvizzera. Il-UEFA hija l-assoċjazzjoni li tikkontrolla l-futbol Ewropew. (*par. 4*)

Il-*Malta Football Association* (MFA) hija l-assoċjazzjoni li tiggwida l-futbol f'Malta. Hi torganizza l-kampanja tal-futbol f'Malta kif ukoll tieħu ħsieb it-tim nazzjonali ta' Malta. L-MFA tieħu ħsieb ukoll il-grawnd Nazzjonali. B'kollox l-MFA għandha 51 klabb maqsumin f'erba' diviżjonijiet. (*par. 5*)

1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel (x) fill-kaxxa. (2 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| a) | Il-logħba moderna tal-futbol bdiet | | fl-Italja. |
| | | | fl-Ingilterra. |
| | | | fl-Amerika. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| b) | Kull tim tal-futbol ikun fih | | ħdax-il plejer. |
| | | | għoxrin plejer. |
| | | | Ħmistax-il plejer. |

**2. Ikteb kelma oħra li tfisser l-istess bħal dawn il-kliem.** (4 marki)

a) għan (par. 2) ____________

b) famuża (par. 3) ____________

ċ) partijiet (par. 3) ____________

d) tiggwida (par. 4) ____________



**3. Imla l-vojt ta' dawn is-sentenzi.** (3 marki)

Fil-logħba tal-futbol, ħadd ma jista' jmiss il-____________ b'idu, ħlief il-____________. It-tim li jiskorja l-aktar ____________ jirbaħ il-logħba.

**4. Għal min qed jirreferu l-ittri mmarkati b'linja taħthom** (marka)

ras**hom** *(par. 2)* **hom** qed tirreferi għall-___________.

**5. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.** (12-il marka)

a) X'jiġri waqt logħba kompetittiva jekk il-logħba tispiċċa pari? *(par. 2)*

_______________________________________________

b) Liema hi l-aktar kompetizzjoni famuża tal-futbol? *(par. 3)*

_______________________________________________

ċ) Liema pajjiż rebaħ l-aktar it-Tazza tad-Dinja? *(par. 3)*

_______________________________________________

d) Min hu nvolut li jara li l-plejers jilagħbu skont ir-regoli waqt il-logħba tal-futbol? *(par. 3)*

_______________________________________________

e) Liema assoċjazzjoni tikkontrolla l-logħob tal-futbol fl-Ewropa? *(par. 4)*

_______________________________________________

f) X'inhu x-xogħol tal-MFA? *(par. 5)*

_______________________________________________

6. **Żid aġġettiv ma' dawn in-nomi u wara aqlibhom fil-plural.** (6 marki)

L-ewwel waħda hija eżempju.

| Nom | Aġġettiv | | Plural | |
|---|---|---|---|---|
| ħofra | fonda | | ħofor | fondi |
| kuġin | | | | |
| Kexxun | | | | |

7. **Daħħal l-artiklu fejn meħtieġ.** (3 marki)

Għalkemm Ġanni u Marija waslu fuq _____ istejġ kmieni, _____ karozza tal-linja damet ma waslet minħabba _____ xita.

| Taqsima B | Il-Kitba | 30 marka |
|---|---|---|

**1. Il-Kitba ta' nota** (5 marki)

Ommok ħarġet u ħallietek id-dar. Waqt li kont waħdek ċemplet in-nanna biex tmur tixtrilha l-mediċina. Għalhekk inti ħriġt biex taqdiha.

**Ikteb nota lil ommok biex tispjegalha fejn mort.**



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**2. Il-Kitba tal-ittra.** (5 marki)

Ikteb ittra lill-ħabib/a tiegħek biex tistiednu/tistedinha j/tiġi għall-festin li se tagħmel għall-għeluq sninek.

Għażiż/a ____________,

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

Tiegħek,

________________

**3. Il-Komponiment.** (20 marka)

Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b'Malti sabiħ ikteb komponiment ta' madwar 120 kelma fuq **wieħed** minn dawn.

a) Xi praspura kienet ġratli!!

*Irrakkonta dwar ġrajja li ġratlek fejn inti dħalt f'xi praspura.*

b) L-isbaħ rigal li qlajt.

*Ikteb dwar dan ir-rigal. Għid x'kien dan ir-rigal, meta qlajtu u mingħand min. Semmi x'għamilt meta qlajt dan ir-rigal.*

ċ) Vaganza mal-familja tiegħi.

*Irrakkonta fejn mort mal-familja tiegħek, kif qattajtu l-vaganza, x'rajtu u x'għamiltu.*

d) Ġurnata fil-kampanja mal-familja.

*Ħares sew lejn l-istampa t'hawn taħt u rrakkonta kif għaddew il-ġurnata.*



**Spazju biex tagħmel il-pjan tal-komponiment.**

Se nikteb fuq komponiment: _____ (Ikteb **a**, **b**, **ċ** jew **d**)

TMIEM IL-KARTA